MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 739/2000/1

**Arcidiacono Limited**

**vs**

**Avukat Generali, u Renato u Antoinette mizzewgin Arcidiacono**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, moghtija fit-12 ta' Jannar ta' din is-sena, li permezz taghha cahdet it-talbiet migjuba mis-socjeta` Arcidiacono Limited permezz ta' rikors datat 7 ta' April, 2000. Permezz ta' dan ir-rikors l-imsemmija socjeta` kienet talbet bazikament zewg affarijiet: (1) li jigi dikjarat illi l-Artikolu 814 tal-Kap. 12 meta jithaddem ma' l-Artikolu 811(e) ta' l-istess Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili kien jilledi d-drittijiet taghha ghal smiegh xieraq, u (2) li s-smiegh tat-talba ghar-ritrattazzjoni (wara decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell) mill-istess tlett imhallfin li kienu ddecidew il-kawza fl-appell (kawza bejn is-socjeta` Arcidiacono fuq naha u l-konjugi Arcidiacono fuq in-naha l-ohra) kien ukoll jilledi d-dritt taghha ghal smiegh xieraq kif garantit mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Fir-rikors promotorju – cioe` dak tas-7 ta' April, 2000 – il-Prim Awla intalbet ukoll li taghti r-rimedji kollha opportuni, fosthom kumpens xieraq ghall-ksur tad-dritt fondamentali imsemmi.

Ghall-ahjar intendiment ta' dan il-gudizzju, tajjeb li jigu riassunti brevement il-fatti u l-istadji saljenti ta' din il-kawza:

i. Permezz ta' citazzjoni prezentata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili (Citaz. 1612/96 GCD) il-konjugi Arcidiacono talbu, ghar-ragunijiet migjuba f'dik l-istezz citazzjoni, li s-socjeta` Arcidiacono Limited tigi kkundannata thallas is-somma ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000) bl-imghax legali mit-12 ta' Mejju, 1995 u bl-ispejjez tal-kawza;

ii. B'sentenza moghtija fl-10 ta' April, 1997 dik il-Qorti, wara li cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, ikkundannatha thallas lill-atturi s-somma msemmija, bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' Mejju, 1995 u bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess socjeta`.

iii. Is-socjeta` Arcidiacono Limited appellat. Il-Qorti ta' l-Appell, b'sentenza moghtija fit-8 ta' Gunju, 1999, cahdet l-appell, ikkonfermat is-sentenza tal-10 ta' April, 1997 u ordnat li l-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-imsemmija socjeta`.

iv. B'rikors presentat fis-6 ta' Lulju, 1999 is-socjeta` Arcidiacono Limited talbet ir-ritrattazzjoni tal-kaz a bazi tal-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12. Fl-udjenza tas-16 ta' Novembru, 1999 quddiem il-Qorti ta' l-Appell – allura komposta mill-istess tlett imhallfin li kienu taw is-sentenza tal-10 ta' April, 1997 – is-socjeta` ritrattanda rrikuzat lill-imsemmija tlett imhallfin allura komponenti dik il-Qorti. B'decizjoni moghtija fit-8 ta' Frar, 2000 il-Qorti ta' l-Appell, wara li rreferiet ghal diversi sentenzi kemm tal-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll taghha stess in materja ta' ritrattazzjoni[1], ippronunzjat ruhha hekk:

**Ghal dawn il-motivi qeghda f'dana l-istadju tichad it-talba tar-rikuza sollevata mir-ritrattand, tordna li l-appell jinstema' fil-meritu u tirrizerva li tikkonsidra mill-gdid il-posizzjoni jekk fil-kors ta' ritrattazzjoni jirrizultaw cirkostanzi ohra li jkunu jiggustifikaw tibdil f'din id-decizjoni. Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.** [2]

v. Fis-7 ta' April, 2000 gie pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili r-rikors kostituzzjonali aktar 'l fuq imsemmi. Nel frattemp il-kawza ghar-ritrattazzjoni baqghet pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell, tistenna l-ezitu ta' dawn il-proceduri kostituzzjonali.

Kif inghad, b'sentenza moghtija fit-12 ta' Jannar, 2004 il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet tas-socjeta` Arcidiacono Limited kif migjuba fir-rikors tas-7 ta' April, 2000, u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:
**Qabel xejn ghandu jigi carat li fir-risposta tal-konjugi Arcidiacono hemm zball fl-ewwel paragrafu in kwantu fil-proceduri meritu ta' ritrattazzjoni kienu l-konjugi Arcidiacono li pprocedew kontra s-socjeta` rikorrenti odjerna ghall-hlas tas-somma ta' LM20,000 (Citaz. nru 1612/96). L-imsemmija proceduri gew determinati**

---

[1] Is-sentenzi li ghalihom saret referenza fl-imsemmija decizjoni tat-8 ta' Frar 2000 huma: ***Frank Cachia v. Onor. Prim Ministru noe et*** Qorti Kostituzzjonali 10 ta' Ottubru, 1991; ***Fedele Dalli v. Coronato Sare`*** Qorti ta' l-Appell, 26 ta' Ottubru 1994; u ***Francesco Saverio Borg v. Direttur Generali u Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja et*** Qorti Kostituzzjonali, 15 ta' Marzu 1996.
[2] Ara fol. 31 tal-atti.

**b'sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Gunju 1999 meta l-appell tas-socjeta` konvenuta gie michud u s-sentenza appellata konfermata bil-konsegwenza li t-talbiet attrici gew milqugha u dana bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` konvenuta.**

**In segwitu ghal din is-sentenza s-socjeta` konvenuta, illum rikorrenti, istitwit proceduri ta' ritrattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell u, meta l-kawza giet appuntata quddiem dik il-Qorti li, dak iz-zmien, kienet komposta mill-istess Imhallfin li kienu ddecidew l-appell determinat fit-8 ta' Gunju 1999 tresqet eccezzjoni ta' rikuzat tal-Imhallfin kollha li kienu hekk jikkomponu l-Qorti tal-Appell in kwantu r-ritrattazzjoni kienet qed tintalab a bazi tas-subinciz (e) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Din l-eccezzjoni giet 'provizorjament' determinata b'sentenza tat-8 ta' Frar, 2000 meta l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, b'rispett lejn l-insenjament tal-istess Qorti f'sentenzi precedenti, qalet hekk:-**

***"Din il-Qorti kkonsidrat il-premessi tar-ritrattand ghat-talba tieghu biex il-kawza tinstema' mill-gdid u ma hiex sodisfatta semplicement mill-vizjoni ta' l-atti u qabel ma tisma' trattazzjoni ulterjuri illi c-cirkostanzi kienu tali li jimponu fuqha li taccetta t-talba ghar-rikuza. Tkun qabel xejn accertata illi r-rikors ta' ritrattazzjoni ma kienx intiz biex ir-rikorrent ritrattand jakkwista smiegh gdid tal-mertu minn din il-Qorti diversament preseduta jew altrimenti ma kienx wiehed semplicement frivolu u intiz biex ir-ritrattand jakkwista tul taz-zmien u jirritarda l-esekuzzjoni tas-sentenza kontra tieghu."***

**L-Onorabbli Qorti tal-Appell b'dan il-mod irribadiet dak li kien gie ripetutament stabbilit f'sentenzi precedenti kif riportat fis-sentenza tas-26 ta' Ottubru 1994 fil-kawza Fedele Dalli vs Coronato Sare` u cioe` li qabel ma tigi akkolta t-talba ghar-rikuza huwa d-dmir**

**tal-Qorti li qabel xejn tara jekk 'prima facie' t-talba ghar-ritrattazzjoni ghandha xi fondament.**

**Infatti fis-sentenza taghha tat-8 ta' Frar 2000 l-Onorabli Qorti tal-Appell qalet hekk:**

**"*F'dik il-kawza* (Dalli vs Sare`) *l-Qorti ghaddiet in rassenja l-gurisprudenza li llum akkwistat konsistenza u waslet ghall-konkluzzjoni illi minn ezami tal-petizzjoni tar-ritrattazzjoni mhix prima facie konvinta li l-invokazzjoni tal-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) u t-talba relattiva mhix maghmula semplicement biex jigi aggirat dak li jiddisponi l-artikolu 814 (Kap 12) u ghalhekk l-istess eccezzjoni (ta' rikuza) giet michuda b'riserva li l-Qorti tirrikonsidra l-posizzjoni jekk fil-kors tat-trattazzjoni jirrizultaw cirkostanzi ohra li jkunu jiggustifikaw tibdil f'dik id-decizjoni."***

**Kien proprju ghalhekk li l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghaddiet biex ippronunzjat ruhha fis-segwenti termini:-**

***"Ghal dawn il-motivi qeghda <u>f'dan l-istadju</u> tichad it-talba tar-rikusa sollevata mir-ritrattand, tordna li l-appell jinstema' fil-meritu u <u>tirrizerva li tikkunsidra mill-gdid il-posizzjoni jekk fil-kors ta' ritrattazzjoni jirrizultaw cirkostanzi ohra li jkunu jiggustifikaw tibdil f'din id-decizjoni.</u>* (sottolinear ta' din il-Qorti).**

**Is-socjeta` rikorrenti qed tissottometti li bis-sentenza tal-Onor Qorti Kostituzzjonali tal-10 ta' Ottubru 1991 fil-kawza fl-ismijiet "Frank Cachia vs Onor Prim Ministru et" meta tigi intavolata talba ghar-ritrattazzjoni a bazi tas-subinciz (e) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12 l-Imhallfin u l-Magistrati li jkunu taw is-sentenza attakkata <u>jistghu</u> (sottolinear tal-qorti) jigu rikuzati u/jew jistghu jastjenu milli jisimghu t-talba ghall-ritrattazzjoni, u b'hekk, tissottometti s-socjeta` rikorrenti, "*hemm deroga ta' natura kostituzzjonali ghall-artikolu 814 tal-Kap 12*". Dan l-artikolu jipprovdi li t-talba ghar-ritrattazzjoni ghandha ssir quddiem il-**

**qorti li tkun tat is-sentenza attakkata, <u>u jistghu joqghodu fiha l-istess imhallfin jew magistrati.</u> (sottolinear tal-qorti)**

**Illi bazikament l-ilmenti tas-socjeta` rikorrenti in sostenn tat-talba ghar-rimedji ta' natura kostituzzjonali huma tlieta u cioe`:-**

**a) Illi meta cahdet l-eccezzjoni ta' rikuza l-Qorti ta' l-Appell rrestringiet l-applikazzjoni tal-imsemmija sentenza (Cachia vs Prim Ministru).**

**b) Illi b'dan il-mod arrogat ghaliha poteri pertinenti lill-Qorti Kostituzzjonali.**

**c) Illi l-Onor Qorti ta' l-Appell ma ghandhiex l-poter li tbiddel sitwazzjoni ta' anti-kostituzzjonalita` dikjarata mill-Qorti Kostituzzjonali.**

**Illi din il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti, sew fir-rikors promotur kif ukoll waqt it-trattazzjoni orali, hija tal-fehma li s-sitwazzjoni li tipprezenta ruhha biss sentenza, ossia digriet, moghti mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Frar 2000, l-ilmenti tas-socjeta` rikorrenti ma humiex gustifikati.**

**Kif gie riportat aktar-l fuq fis-sentenza imsemmija l-Qorti bl-ebda mod ma cahdet jew bidlet dak li gie enuncjat fis-sentenza F. Cachia vs Prim Ministru et. Anzi jidher mid-dicitura tal-parti dispositiva tal-imsemmija sentenza li dik il-Qorti kienet qed tikkonferma l-htiega li tilqa' l-eccezzjoni sollevata kemm-il darba fi stadju ulterjuri u wara li tisma' l-partijiet koncernati, tkun sodisfatta li hemm bazi ta' ritrattazzjoni a tenur tas-subinciz (e) tal-Artikolu 811 tal-Kap 12. Mhux sewwa li qorti adita bi proceduri ta' ritrattazzjoni tghalaq ghajnejha ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz u semplicement tilqa' l-eccezzjoni ta' rikuza meta u kemm-il darba din tigi sollevata. Dan l-atteggjament, reklamat mis-socjeta` rikorrenti, mhux biss iwassal ghal perikolu li r-ritrattand "*jakkwista smiegh gdid tal-mertu*" izda jista` jwassal ghall-pregudizzju serju ghall-kontro parti. Huwa ghalhekk xieraq u opportun li qorti rinfaccjata b'tali eccezzjoni**

**tezamina l-fondatezza tat-talba ghar-ritrattazzjoni bazata fuq is-subinciz (e) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12 qabel ma tippronunzja ruhha fuq it-talba ghar-rikuza.**

## L-appell

B'rikors prezentat fit-22 ta' Jannar, 2004 is-socjeta` Arcidiacono Limited talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim Awla tat-12 ta' Jannar, 2004 u li minflok tilqa' t-talbiet taghha kif migjuba fir-rikors tas-7 ta' April, 2000. L-aggravji tas-socjeta` appellanti huma bazikament tnejn: (1) li l-Qorti ta' l-Appell (fid-decizjoni taghha tat-8 ta' Frar, 2000) ma setghetx tichad l-eccezzjoni ta' rikuza fl-istadju li fih cahditha izda fl-istess hin tirrizerva li terga' tikkunsidraha aktar 'l quddiem (u dan ghar-raguni, skond l-appellant, li tali eccezzjoni trid tinghata "in limine" u ghalhekk tigi deciza wkoll "in limine"); u (2) galadarba *"…kien jezisti stat ta' antikostituzzjonalita`, kif kien gie ddikjarat fis-sentenzi 'Frank Cachia vs. Prim Ministru'* [3] *u 'Carmelo Bugeja et vs. Onorevoli Prim Ministru et"* [4] *ma setghetx din is-sitwazzjoni tigi mwarrba jew impoggija fil-genb u sostitwita b'sitwazzjoni* <u>*anqas rigida*</u> *illi tippermetti lill-qorti li l-ewwel tibda tisma' u tezamina l-meritu filwaqt li tirrizerva li tiddeciedi dwar l-eccezzjoni tar-rikuza li tkun inghatat 'in limine' ghal xi stadju ulterjuri…".*

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Minkejja n-nuqqas ta' kjarezza tar-rikors promotur ta' dawn il-proceduri, kif ukoll tal-aggravji tas-socjeta` appellanti, hu evidenti li l-vera kwistjoni involuta f'din il-kawza hija <u>jekk qorti[5], li quddiemha ssir talba ghal ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(e)[6], u li fl-konfront tal-</u>

[3] Ara nota *in calce* nru. 1.

[4] <u>**Recte**</u> ***Carmela armla ta' Giuseppe Bugeja et v. Onorevoli Prim Ministru noe et*** Qorti Kostituzzjonali, 17 ta' Gunju 1994.

[5] Jew l-Imhallef, skond jekk il-Qorti tkunx komposta minn Imhallef wiehed jew aktar – ara l-Artikolu 738 tal-Kap. 12

[6] U, *semble*, a bazi tal-paragrafi (d), (f), (g), (i) u (l) tal-imsemmi Artikolu 811. Ara pero` in kwantu ghall-paragrafu (l) is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, fl-ismijiet ***Carmela armla ta' Giuseppe Bugeja et v. Onorevoli Prim Ministru noe et***, nota *in calce* nru 4.

Imhallef jew Imhallfin komponenti dik il-Qorti tinghata l-eccezzjoni tar-rikuza peress li dak l-imhallef jew dawk l-imhallfin ikunu taw is-sentenza li r-ritrattazzjoni taghha tkun qed tintalab, tistax, minghajr ma tkun qed tilledi d-dritt ghal smigh xieraq tal-parti li taghti dik l-eccezzjoni, qabel ma tilqa' dik l-eccezzjoni l-ewwel tara jekk *prima facie* hemmx verament bazi ghar-ritrattazzjoni taht l-imsemmi paragrafu (e), b'mod ghalhekk li jekk tiddeciedi li *prima facie* ma hemmx bazi tista' tkompli tisma' l-kawza u, evidentement, tista' tilqa' jew tichad it-talba ghar-ritrattazzjoni.

Fil-kuntest ta' din il-kwistjoni, tajjeb li wiehed jirrikapitola fil-qosor l-izvilupp gurisprudenzjali. Tista' tghid li sa Ottubru tal-1991 id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 814[7] tal-Kap. 12 kienet tigi interpretata li l-istess imhallfin li taw is-sentenza attakkata ghandhom jisimghu u jiddeciedu fuq it-talba ghar-ritrattazzjoni. Bis-sentenza ***Frank Cachia v. Onorevoli Prim Ministru noe et*** [8] gie bazikament deciz ghall-ewwel darba li meta t-talba ghar-ritrattazzjoni tkun imsejsa fuq il-paragrafu (e) tal-Artikolu 811, l-Imhallfin li jkunu taw is-sentenza attakkata ma jistghux, jekk jigu rikuzati, jibqghu jisimghu il-kaz tar-ritrattazzjoni. Jidher, pero`, li wara din is-sentenza nibtet il-biza' li min irid itawwal il-proceduri (per ezempju, biex ma johrogx minn post li minnu jkun gie ordnat jizgombra, jew biex ma jhallasx debitu) jista' jinqeda bil-paragrafu (e) tal-imsemmi Artikolu 811 fis-sens illi jitlob ir-ritrattazzjoni fuq l-icken pretest u, peress li jinvoka bhala bazi ghar-ritrattazzjoni l-imsemmi paragrafu, jikseb ri-ezami tal-kaz quddiem gudikant jew gudikanti differenti minn dawk li jkunu ddecidew l-appell b'tali mod li bhal speci jikseb forma ta' "appell" fit-tielet grad – grad ta' appell li mhux koncess fil-ligi taghna. Jidher li kien ghalhekk li sensiela ta' sentenzi iddecidew li, meta r-ritrattazzjoni tkun qed tintalab a bazi tal-paragrafu (e) tal-Art. 811 imsemmi, u meta tintalab ir-rikuza tal-Imhallef jew Imhallfin, il-Qorti ghandha l-ewwel tara jekk, almenu *prima facie*, it-talba ghar-ritrattazzjoni

[7] *"...it-talba ghar-ritrattazzjoni ghandha ssir quddiem il-qorti li tkun tat is-sentenza attakkata, u jistghu joqghodu fiha l-istess imhallfin jew magistrati"* (sottolinear ta' din il-Qorti).
[8] Ara nota *in calce* nru 1.

tkunx verament a bazi tal-imsemmi paragrafu (e) qabel ma tintlaqa' l-eccezzjoni tar-rikuza[9]. Hekk ukoll in effetti iddecidiet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza appellata tat-12 ta' Jannar, 2004.

Din il-Qorti, pero`, wara li hasbet fit-tul, hi tal-fehma li meta ritrattazzjoni tintalab a bazi tal-paragrafu (e) tal-Artikolu 811, u meta parti – normalment ir-ritrattand – jirrikuza skond il-ligi lill-Imhallef jew Imhallfin li jkunu taw is-sentenza li tkun qed tigi attakkata, dak l-Imhallef jew dawk l-Imhallfin bhala regola generali ma jistghux jipprocedu biex jezaminaw jekk il-bazi tar-ritrattazzjoni tkunx verament *prima facie* ibbazata fuq l-imsemmi paragrafu minghajr ma jigi lez l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Dan qed jinghad ghax, indipendentement mill-fondatezza o meno, *prima facie* jew mhux *prima facie*, tat-talba ghar-ritrattazzjoni, bil-fatt li dak l-Imhallef jew dawk l-Imhallfin jghaddu biex jezaminaw "il-bazi tar-ritrattazzjoni" ikunu effettivament qed jezaminaw l-operat taghhom stess fir-rigward tas-sentenza li tkun qed tigi attakkata. Dan neccessarjament jista' inissel dubbju fondat, ossia legittimu w oggettivament gustifikabbli, f'mohh il-partijiet pero` forsi l-aktar f'mohh il-parti li tkun tat l-eccezzjoni tar-rikuza, dwar l-imparzjalita` oggettiva ta' l-istess Imhallef jew Imhallfin. Kif jispjegaw l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick:

**"The objective test of 'impartiality' is comparable to the English Law doctrine that 'justice must not only be done: it must also be seen to be done'. In this context the [European] Court [of Human Rights] emphasises the importance of 'appearances'. As the Court has stated, '[w]hat is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused'[10]. In applying the test, the opinion of the party to the case who is alleging partilaity is 'important but not**

[9] Ara fost ohrajn ***Joseph Micallef v. George Pavia*** Qorti ta' l-Appell, 5 ta' Frar, 1993; ***Fedele Dalli v. Coronato Sare`*** (*vide* nota *in calce* nru 1); ***Dottor Carmelo Vella et v. Segretarju tad-Djar, illum Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et*** Qorti ta' l-Appell, 17 ta' Jannar 1996; ***Francesco Saverio Borg v. Direttur Generali u Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja et*** (*vide* nota *in calce* nru 1).

[10] ***Fey v. Austria*** A 255-A para 30 (1993).

**decisive'; what is crucial is whether the doubt as to impartiality can be 'objectively justified'[11]. If there is a legitimate doubt as to a judge's impartiality, he must withdraw from the case.** [12]

Dak li ghadu kif inghad fil-paragrafu precedenti jikkostitwixxi biss regola generali applikabbli fil-maggoranza tal-kazi, pero` mhuwiex eskluz li din ir-regola jista' jkollha eccezzjonijiet fil-kazijiet kongruwi.

Infatti, ma jidher li hemm xejn antikostituzzjonali li l-istess imhallef jew imhallfin jiddeciedu talba ghal ritrattazzjoni meta dik it-talba tkun *ictu oculi* proceduralment irritwali bhal meta dik it-talba issir wara li jkun ghalaq iz-zmien preskritt bil-ligi, jew jekk ma ssirx il-kawtela skond il-ligi. Dana huwa hekk ghaliex f'kazijiet bhal dawn dak l-imhallef jew imhallfin ma jkunux qeghdin jezaminaw l-operat taghhom stess, izda jkunu semplicement qeghdin jezaminaw jekk it-talba ghar-ritrattazzjoni saritx ritwalment.

Fil-kaz odjern, pero`, id-decizjoni moghtija mill-Onor. Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Frar, 2000 ma tistax tigi kunsidrata li taqa' taht il-kappa ta' din l-eccezzjoni u konsegwentement kellha tkun applikata r-regola generali accennata aktar qabel f'din is-sentenza.

Ma hemmx dubbju li l-istitut tar-ritrattazzjoni jista' jigi abbuzat, pero` r-rimedju, fil-fehma ta' din il-Qorti, m'ghandux ikun wiehed li jista' jitfa' dell fuq l-imparzjalita` oggettiva tal-gudikant. Kazijiet ta' ritrattazzjoni jistghu jinghataw – kif effettivament jinghataw – precedenza f'dak li hu s-smigh taghhom proprju biex tigi minimizzata l-possibilita` li r-ritrattand li ma jkollux kaz fondat itawwal il-proceduri a skapitu tal-parti l-ohra. Id-disposizzjoni tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 223 tal-Kap. 12 tista' tigi estiza ghall-kazijiet ta' ritrattazzjoni – possibilment bil-kundanna ta' spejjez ghal tlett darbiet minflok ghal darbtejn. Il-gurisprudenza ormai kopjuza dwar ir-ritrattazzjoni hi fis-

---

[11] ***Hauschildt v. Denmark*** A 154 para 48 (1989).
[12] Harris, D. J., O'Boyle, M., Warbrick, C. ***Law of the European Convention on Human Rights*** Butterworths (London), 1995, p. 235.

sens li dana r-rimedju hu wiehed eccezzjonali b'mod li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 811 ghandhom jigu, kif effettivament dejjem jigu, interpretati b'mod restrittiv hafna, u ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex ghax tahseb li ghax ritrattazzjoni tigi deciza minn Imhallef jew Imhallfin differenti minn dawk li jkunu taw is-sentenza appellata l-gurisprudenza ser tinqaleb ta' taht fuq u ser jibda jkun hemm xi forma ta' appell fit-"tielet" grad. Ghalhekk din il-Qorti ser tilqa', ghall-anqas in parti, l-appell interpost.

Din il-Qorti, pero`, ma tara ebda fondatezza fit-talba tas-socjeta` appellanti, kif migjuba fir-rikors promotorju tas-7 ta' April 2000, u cioe` li jigi dikjarat "illi l-artikolu 814 tal-Kap. 12 meta jithaddem ma' l-artikolu 811(e) tal-Kap 12 jilledi d-drittijiet taghha". L-Artikolu 814 fih innifsu u anke meta abbinat ma' l-Artikolu 811(e) ma huwa b'ebda mod antikostituzzjonali jew jilledi xi dritt fondamentali, u dan ghas-semplici raguni li l-istess Imhallef jew Imhallfin li ddecidew is-sentenza attakkata jistghu validament joqoghdu biex jisimghu r-ritrattazzjoni fil-kaz kontemplat fl-Art. 735(2) tal-Kap.12. Anqas ma hu l-kaz hawn li jinghata xi kumpens ghall-ksur tad-dritt fondamentali lamentat: is-semplici dikjarazzjoni li bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Frar, 2000 u bil-konsegwenti decizjoni li l-istess Imhallfin li kienu ddecidew il-kawza fl-appell kienu ser ikomplu jisimghu ukoll ir-ritrattazzjoni, kien hemm tali ksur, flimkien ma' dak li din il-Qorti ser tordna li jsir, huma rimedju sufficjenti f'dan il-kaz.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu cahdet it-talba tas-socjeta` Arcidiacono Limited sabiex jigi dikjarat "illi l-artikolu 814 tal-Kap. 12 meta jithaddem ma' l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 jilledi d-drittijiet" ta' l-istess socjeta`, kif ukoll in kwantu cahdet it-talba ghal xi forma ta' kumpens, thassarha u tirrevokaha fil-bqija u minflok tiddikjara li s-smigh tat-talba ghar-ritrattazzjoni mill-istess Imhallfin li ddecidew is-sentenza tat-8 ta' Gunju, 1999 kien jivvjola d-dritt fondamentali tas-socjeta` appellanti ghal smigh xieraq kif garantit bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, u konsegwentement tordna li dik ir-ritrattazzjoni tinstema' minn tlett Imhallfin differenti.

Kwantu ghall-kap ta’ l-ispejjez, din il-Qorti, jidhrilha li ghandu jkun hemm temperament fuq dan il-kap minhabba id-diffikultajiet legali involuti, u ghalhekk l-ispejjez kemm tal-prim istanza kif ukoll ta’ dana l-appell ghandhom jithallsu mill-partijiet rispettivi – jigifieri kulhadd ihallas l-ispejjez tieghu – b’dan li d-dritt tar-registru jithallas mir-rikorrent appellant.

Fl-ahhar nett, in vista tas-suggeriment maghmul minn din il-Qorti fir-rigward ta’ l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur lill-Onorevoli Ministru responsabbli mill-Gustizzja ghall-informazzjoni tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------